

Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9361/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0163 (NLE)

EPPO 12
EUROJUST 58
CATS 38
FIN 407
COPEN 164
GAF 21
CSC 171

PROPOSTA

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Mejju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 318 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("I-UPPE") |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 318 final.

Mehmuż: COM(2018) 318 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.5.2018
COM(2018) 318 final

2018/0163 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("I-UPPE")

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) ġie adottat fit-12 ta' Ottubru 2017 u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017. F'konformità mal-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-istabbiliment u l-operat amministrattiv inizjali tal-UPPE, sa meta dan tal-aħħar ikollu l-kapaċità li jimplimenta l-baġit tiegħu stess. Il-Kummissjoni qed tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa sabiex taċċerta li l-UPPE jkun stabbilit f'qasir żmien. F'konformità mal-Artikolu 120 tar-Regolament u wara fażi ta' żvilupp ta' tliet snin, il-Kummissjoni għandha l-għan li l-UPPE jkun operazzjonali sa tmiem l-2020.

Aspett ewlieni għall-funzjonament tal-UPPE jikkonċerna l-għażla u l-ħatra tal-persunal tagħha, b'mod partikolari tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Prosekuturi Ewropej. Sabiex jintgħażel il-Kap Prosekutur Ewropew u l-Prosekuturi Ewropej tal-UPPE, l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill għandu jistabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla u għandu jadotta deċizzjoni li taħtar lill-membri tiegħu fuq proposta mill-Kummissjoni. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni qed tipproponi Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill bir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla fl-Anness tagħha.

Il-bord tal-għażla se jkollu l-inkarigu prinċipali li jfassal lista ristretta ta' kandidati kwalifikati għall-kariga ta' Kap Prosekutur Ewropew qabel il-ħatra tiegħu/tagħha mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u li jipprovdi opinjoni motivata dwar il-kwalifiki tal-kandidati għal Prosekuturi Ewropej qabel il-ħatra tagħhom mill-Kunsill. Ir-regoli ta' ħidma proposti mill-Kummissjoni jaċċertaw li l-bord tal-għażla jkun jista' jaqdi dmirijietu bl-aktar mod effiċjenti possibbli. Għaldaqstant, l-Anness jinkludi r-regoli dwar il-kompiti, l-għamla, is-segretarjat u l-proċeduri ta' teħid tad-deċizzjonijiet tal-bord tal-għażla, kif ukoll regoli dwar il-klassifikazzjoni tal-kandidati, id-dispożizzjonijiet finanzjarji, l-ipproċessar tad-*data* personali u r-reġim lingwistiku tal-bord tal-għażla.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-istabbiliment tal-UPPE huwa previst fl-Artikolu 86 TFUE. L-UPPE se jkun l-ewwel korp tal-UE b'setgħat ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni kriminali ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u se jkun attur kompletament ġdid fix-xenarju ġudizzjarju Ewropew. L-UPPE huwa mistenni li jkollu politika ta' prosekuzzjoni aktar konsistenti u aktar effettiva għar-reati li jaffettwaw il-baġit tal-UE, u se jwassal għal għadd akbar ta' prosekuzzjonijiet, kundanni u livell oġġla ta' rkupru ta' fondi tal-Unjoni li jkunu ntilfu b'mod frawdolenti.

Il-Kummissjoni, billi tippreżenta din il-proposta għal Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li fl-Anness tagħha hemm ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla, qed tikkonforma mal-obbligu tagħha skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939. Din il-proposta se tippermetti li jinbdeu il-proċeduri meħtieġa għall-għażla u għall-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Prosekuturi Ewropej tal-UPPE. Din il-proposta hija għalhekk konsistenti mija fil-mija mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam rispettiv ta' politika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konsistenti ma' politiki u ma' żviluppi leġiżlattivi oħra tal-Unjoni bl-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 291 TFUE flimkien mal-Artikolu 14(3) u 16(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939, il-Kummissjoni hija legalment obbligata li tippreżenta proposta għar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla. Din il-proposta hija essenzjali sabiex jiġi aċċertat li l-bord tal-għażla jkun jista' jaqdi dmirijietu bl-aktar mod effiċjenti possibbli sabiex jagħżel u jaħtar f'qasir żmien il-Kap Prosekutur Ewropew u l-Prosekuturi Ewropej tal-UPPE.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġettivi proposti, u hija għalhekk konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din il-proposta hija direttament marbuta mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 u hija essenzjali biex ikun żgurat li l-UPPE jiġi stabbilit f'qasir żmien.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI

Minħabba l-mira speċifika u n-natura limitata ta' din il-proposta, u l-fatt li din tikkonforma mal-obbligu impost fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939, ma sarux evalwazzjonijiet *ex post*, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Fil-punt VIII tal-Anness, din il-proposta tiddekrivi li l-Membri tal-bord tal-għażla li jkunu jeħtieġu li jivvjaġġaw lil hinn mill-post ta' residenza tagħhom sabiex jaqdu dmirijiethom għandhom ikunu intitolati għal rimborż tal-ispejjeż tagħhom u għal gratifika f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill 2016/300. L-ispiża korrispondenti għandha tiġġarrab mill-Kunsill.

Il-Kummissjoni se tkun responsabbli mis-segretarjat tal-bord u se tipprovdi għall-appoġġ amministrattiv neċessarju għat-tħaddim tal-bord. Dawn l-inkarigi mhux se jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Minħabba n-natura ta' din il-miżura, ma hemmx bżonn ta' implimentazzjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma għandhiex bżonn ta' Dokumenti ta' Spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-punt I jistabbilixxi l-inkarigi tal-bord tal-għażla, f'konformità mal-Artikoli 14(3) u 16(2) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939.

Il-punt II jiddeskrivi l-għamla tal-bord tal-għażla u l-mandat tal-membri tal-bord. F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939, il-bord tal-għażla se jkun magħmul minn dawk li kienu membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Awdituri, dawk li kienu membri nazzjonali ta' Eurojust, membri tal-qrati supremi nazzjonali, prosekuturi ta' livell għoli u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Dan il-punt jiċċara li l-membri tal-bord tal-għażla għandhom minn tal-anqas jissodisfaw wieħed mill-kriterji msemmija hawn fuq fil-mument tal-ħatra tagħhom. Il-punt 2 ikompli jispjega li l-membri tal-bord tal-għażla għandhom jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' erba' snin. Barra minn hekk, dan il-punt jipprevedi regoli dwar is-sostituzzjoni tal-membri qabel ma jasal fi tmiemu l-mandat tagħhom.

Il-punt III jipprevedi regoli dwar il-President u s-segretarjat tal-bord tal-għażla. Dan il-punt jispjega li l-Kummissjoni hija responsabbli mis-segretarjat tal-bord u jistabbilixxi l-inkarigi tas-segretarjat.

Il-punt IV jipprevedi regoli dwar id-deliberazzjonijiet tal-bord tal-għażla.

Il-punt V jispjega li l-applikazzjonijiet kollha għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew u n-nomini għall-pożizzjoni ta' Prosekutur Ewropej se jiġu rreferuti lill-bord tal-għażla. Barra minn hekk, il-punt V jipprevedi l-possibiltà li l-bord tal-għażla jagħmel talba għal aktar informazzjoni lill-applikanti jew lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-ħatra.

Il-punt VI jistabbilixxi l-proċeduri applikabbli għall-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew kif ukoll tal-Prosekutur Ewropej. Fir-rigward tal-Kap Prosekutur Ewropew, dan il-punt jispjega li l-bord tal-għażla se janalizza l-applikazzjonijiet b'rabta mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament 2017/1939, kif speċifikat aktar fl-avviż ta' post battal. Il-bord tal-għażla se jikklassifika lill-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti u se jisma' għadd suffiċjenti ta' kandidati fost l-oġhla klassifikati. L-applikanti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà jew li ma jkunux mistiedna għal smiġh mill-bord se jkunu mgħarrfa bir-raġunijiet. Fir-rigward tal-Prosekutur Ewropej, dan il-punt jiddeskrivi li l-bord se janalizza n-nomini b'rabta mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939 u se jisma' lill-kandidati nominati.

Il-punt VII jsegwi l-proċedura stipulata fil-punt VI u jinkludi li l-bord tal-għażla se jfassal lista ristretta ta' bejn tlieta u ħames kandidati għall-kariga ta' Kap Prosekutur Ewropew, li se tkun ippreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-kandidati li ma jkunux tqiegħdu fuq il-lista ristretta se jiġu mgħarrfa bir-raġunijiet u jistgħu jressqu lment lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Filwaqt li l-bord tal-għażla se jikklassifika lill-kandidati skont il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom, din il-klassifikazzjoni mhijiex se tkun vinkolanti fuq il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Fir-rigward tal-kariga ta' Prosekutur Ewropew, il-bord tal-għażla se jsawwar opinjoni dwar il-kwalifiki tal-kandidati biex jaqdu d-dmirijiet ta' Prosekutur Ewropej u se jiddikjara espressament jekk kandidat jissodisfax jew le l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament 2017/1939. Filwaqt li l-bord tal-għażla se jikklassifika lill-kandidati skont il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom, din il-klassifikazzjoni mhijiex se tkun vinkolanti fuq il-Kunsill. Dan il-punt jipprevedi wkoll regoli

f'każ li l-kandidati nominati għall-kariga ta' Prosekutur Ewropew ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa.

Il-punt VIII jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finanzjarji. Il-membri tal-bord tal-għażla li jkun jeħtiġilhom jivvjaġġaw lil hinn mill-post ta' residenza tagħhom sabiex jaqdu dmirijietom se jkunu intitolati għal rimborż tal-ispejjeż tagħhom u għal gratifika f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill 2016/300. L-ispiża korrispondenti trid titħallas mill-Kunsill.

Il-punt IX jirregola li l-ipproċessar tad-*data* personali fil-kuntest tal-ħidma tal-bord tal-għażla għandu jsir taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Dan il-punt jiżgura wkoll li r-regoli applikabbli għas-sigurtà tal-informazzjoni proċessata fil-kuntest tal-ħidma tal-bord tal-għażla, u għall-aċċess għaliha, għandhom ikunu dawk applikabbli għall-Kummissjoni.

Il-punt X jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-bord tal-għażla u jstipula li l-bord, wara proposta mill-president tiegħu, se jiddetermina r-reġim lingwistiku għad-deliberazzjonijiet tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("I-UPPE")

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("I-UPPE"), u b' mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jaħtru Kap Prosekutur Ewropew, bi qbil komuni, minn lista ristretta ta' kandidati kwalifikati mfassla minn bord tal-għażla, magħmul minn dawk li kienu membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Awdituri, dawk li kienu membri nazzjonali ta' Eurojust, membri tal-qrati supremi nazzjonali, prosekuturi ta' livell għoli u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, kif ukoll membru wieħed propost mill-Parlament Ewropew.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi wkoll li l-Kunsill irid jaħtar kull Prosekutur Ewropew minn fost tliet kandidati nominati minn kull Stat Membru wara li jkun irċieva opinjoni motivata minn dak il-bord tal-għażla.
- (3) Il-proċedura għall-għażla tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Prosekuturi Ewropej jenħtieġ li tkun element ewlieni biex tkun iggarantita l-indipendenza tagħhom kif meħtieġ mill-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1939.
- (4) Jenħtieġ li r-regoli tal-bord tal-għażla jiggarantixxu li l-bord innifsu jkollu l-indipendenza u l-imparzjalità neċessarji biex iwettaq il-ħidma tiegħu;
- (5) Jenħtieġ għalhekk li r-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla jiġu stabbiliti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mal-firma tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President